MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 17(2013), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgha 11 ta' Dicembru 2013, fil-5.30 pm.

1. **Prezenti** :

| | |
|---|---|
| Sindku | Perit Edric Micallef (E.M.) |
| Vici-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Dr.Angelo Micallef (A.M.) |
| | Steven Grech (S.G.) |
| | Stephen Caruana ( S.C.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Qari tal-Minuti
2. Arisings mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Aggudikar ta' sejha ghall-offerti Numru MXLC06/2013
6. Estensjoni ta' kuntratt MXLC02/2012-Cleaning and Maintenance of Parks & Gardens
7. Milied 2013
8. Approvazzjoni ta' hlasijiet
9. Affarijiet ohra

**Talba**

Is-Sur Edric Micallef flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**1. Qari tal-Minuti**

1.1 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, Seduta Numru 16(2013) kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija

1.2 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Edric Micallef unanimament approva il-minuti bhala dokument korrett.

**2 *Arisings* mill-Minuti**

2.1 Ma kienx hemm.

## 3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku

3.1 Is-Sindku qal illi wara li l-Kunsill Lokali kien hatar lis-Sur Marlon Grech, bhala ambaxxatur ta' Marsaxlokk ghall-VOT16, l-istess Sur Grech kien attenda flimkien mieghu ghall-attivita' fil-parlament li matulha kienet gie diskussa t-tema msemmija.

3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi hekk kif ippjanat waqt laqgha plenarja li zammet l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li nzammet nhar is-Sibt 7 ta' Dicembru 2013, f'isem working group li kien inhatar mill-istess assocjazzjoni kien ipprezenta rapport relatat swieq fil-berah. Is-Sindku zied jghid illi r-rapport kien janalizza problemi komuni relatati mas-swieq fil-berah u proposti konkreti ta' kif setghu jigu rizolti. Is-Sur Edric Micallef qal illi r-rapport kien intleqa' b'mod pozittiv fost dawk prezenti.

3.3 Is-Sindku qal illi waqt laqgha plenarja li kienet inzammet mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, is-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali u Kultura kien ipprezenta *commitment letter* lill-Kunsilli Lokali li kienu applikaw ghal iskema ta' attivitajiet kulturali ghall-Kunsilli Lokali mnehdija mill-istess Segretarjat. Is-Sur Edric Micallef informa lil dawk prezenti illi l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk kienet giet milqugha u l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jinghata s-somma ta' €3,000 ghal attivita' li kien ippjanat li tinzamm nhar l-14 u l-15 ta' Dicembru 2013.

3.4 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien attenda ghal Jum il-Premjazzjoni tal-iskola primarja. Filwaqt li estenda l-apprezzament tal-amminsitrazzjoni tal-iskola primarja ghall-ghotja ta' kotba li kienet saret mill-Kunsill Lokali lill-istess skola primarja, is-Sindku sahaq kif l-amministrazzjoni tal-iskola primarja kienet taghmel l-almu taghha biex tghin lill-istudenti jizviluppaw it-talenti li kellhom. Dan billi matul is-sena jigu organizzati diversi attivitajiet extra-kurrikulari li jghinu lill-istudenti.

3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kien inghata bidu ghall-bini mill-gdid ta' *playing field* fi Triq il-Wilga. Is-Sindku semma' kif kien ghaddej b'ritmu mghaggel ix-xoghol ta' kostruzzjoni u kien mistenni illi x-xogholijiet jitlestew fiz-zmien stipulat. Is-Sur Edric Micallef semma kif flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien qieghed ikollu diskussjonijiet mal-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar sabiex kemm il-darba ikun possibbli jinkisbu aktar fondi mill-*Urban Improvement Fund* amministrat mill-istess MEPA bil-ghan li tonqos l-ispiza li kien ser jidhol ghaliha l-Kunsill Lokali b'konnessjoni mal-playing field imsemmija.

3.6 Is-Sur Edric Micallef qal illi wara li kienu gew rizolti xi diffikultajiet li kien hemm bejn il-kuntrattur li kien qieghed jaghmel xogholijiet fi Triq Melqart u Transport Malta, l-istess kuntrattur kien kompla bix-xogholijiet fit-triq imsemmija. Is-Sindku semma' kif flimkien mas-Sur Carmelo Bugeja kienu zammu kuntatt mas-Sur James Piscopo, *chairman* ta' Transport Malta sabiex jaraw illi x-xogholijiet jitkomplew fl-iqsar zmien possibbli.

3.7 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien attenda konferenza ghall-istampa msejha mill-Ministeru ghat-Turizmu dwar it-twaqqif ta' *National Tourism Zones Committee*. Wara li ghadda dettalji lill-Kunsilliera dwar l-imsemmija inizjativa, is-Sur Edric Micallef informa lil dawk prezenti illi l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jintalab jahtar rapprezentant ghal-lokalita' fil-kumitat kkoncernat.

3.8 Is-Sur Edric Micallef informa lil dawk prezenti illi wara li f'isem il-Kunsill Lokal kien talab lis-Sur Ramon Deguara f'isem il-*Cleansing Services Directorate* ghajnuna

b'konnessjoni mal-latrini pubblici, kien ircieva konferma minghand l-istess Sur Deguara illi l-Kunsill Lokali kien ser jircievi l-ghajnuna mitluba. Is-Sindku zied jghid illi ghal dan il-ghan kien ser ikun qieghed jaghmel kuntatt mal-Cleansing *Services Department* sabiex jintlehaq qbil bejn iz-zewg partijiet dwar l-ghajnuna li kien ser ikun qieghed jircievi l-Kunsill Lokali.

3.9 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi f'isem il-Kunsill Lokali kien attenda seminar dwar *waste management*. Wara li ghadda l-informazzjon kollha relatata mal-attivita', is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'ezercizzju li kien ghamel flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv rigward l-ammont ta' skart imhallat li jingabar mil-lokalita'. Is-Sur Edric Micallef tenna illi irrizulta illi l-ammont ta' skart imhallat migbur kien qieghed jonqos sensibilment.

## 4 <u>Korrispondenza</u>

4.1 Permezz ta' e-mail datat 4 ta' Dicembru 2013, is-Sur Albert Micallef, filwaqt li sahaq dwar l-importanza storika li kellha statwa ta' Sant'Andrija li kienet tinstab fi Pjazza Madonna ta' Pompei, informa lill-Kunsill Lokali bil-mizuri li setghu jittiehdu sabiex l-istess statwa tigi kkonservata u restawrata. Is-Sur Micallef zied jghid illi kemm il-darba tinhass il-htiega, huwa kien dispost li jiltaqa' mal-Kunsill Lokali sabiex jghin f'din il-materja.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi s-Sindku kellu jiltaqa' mas-Sur Micallef sabiex tigi diskussa l-materja in-kwistjoni.

*F'dan l-istadju dahal ghas-seduta is-Sur Angelo Micallef -6:00p.m.*

4.2 Permezz ta' e-mail datat 10 ta' Dicembru 2013, l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali talbet lill-Kunsilli Lokali jevalwaw il-possibilita' illi tiggedded il Group Health Policy.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Assikurazzjoni kienet tkopri lill-Kunsilliera kollha u kienet l-istess Assikurazzjoni li kellu l-Kunsill Lokali fis-snin imghoddija. Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, filwaqt li kellha tiggedded il-polza ta' assikurazzjoni msemmija, kellu jigi nkluz fl-istess polza is-Sur Marlon Grech, li kien gie mahtur ambaxxatur ta' Marsaxlokk ghall-VOT 16. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu, illi kemm il-darba ma jkunx hemm ebda kunflitti legali, is-Sur Marlon Grech kellu jizdied mal-lista ta' persuni koperti bil-polza ta' assikurazzjoni.

4.3 Permezz ta' ittra datata 20 ta' Novembru 2013, l-Agenzija Programmi tal-Unjoni Ewropeja, infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-applikazzjoni *Made of Steel* li kien issottometta l-Kunsill Lokali taht l-iskema *Youth in Action* kienet giet evalwata u minkejja li giet ikkunsidrata valida kienet tproggiet fuq il-lista tar-riserva.

4.4 Permezz ta' e-mail datat 9 ta' Dicembru 2013, l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-hlas ta' kull Kunsill Lokali b'konnessjoni mal-Performing Rights Society ghas-sena 2014 kien ta' €20. L-AKL hegget lill-Kunsilli Lokali jikkollaboraw sabiex ikun jista' jkompli jigi provdut is-servizz
Wara diskussjoni libera is-Sur Edric Micallef ressaq proposta sabiex il-Kunsill Lokali jeffettwa l-hlas mitlub. Is-Sur Carmelo Bugeja issekonda l-proposta tas-Sindku li ghaddie b'votazzjoni ta' erba' favur u astensjoni wahda.

4.5 Permezz ta' ittra datata 9 ta' Dicembru 2013 minghand is-Sa. Borg Marie Jeanne, id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali talab lill-Kunsilli Lokali jidentifikaw binjiet li setghu

jigu armati u jintuzaw bhala centru ghat-tigdid tal-karti tal-Identita' ghac-cittadini tal-istess lokalita'.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jipproponi illi t-tigdid tal-karti tal-identita' gewwa Marsaxlokk isir gewwa l-iskola primarja.

4.6 Permezz ta' e-mail datat 29 ta' Novembru 2013, is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'decizjoni mehuda minn Transport Malta rigward double yellow lines fi Triq il-Galjazz c/w Triq l-Imriekeb. Fl-email tieghu, is-Sindku sahaq illi galadarba kien hemm decizjoni mehuda minn Transport Malta, il-kunsil Lokali kien obbligat jara illi l-istess decizjoni tigi implimentata.
Wara diskussjoni qasira dwar din il-materja kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi mal-istruzzjonijiet moghtija minn Transport Malta.

4.7 Permezz ta' e-mail datat 28 ta' Novembru 2013, is-Sa. Lorna Vassallo infurmat lill-Kunsill Lokali b'zewg kotba godda li kienet l-awtrici taghhom li kienu hargu. Is-Sa. Vassallo ziedet tghid illi l-kotba li kienu jiswew €10, kienu kontinwazzjoni tal-ktieb ' Maltese Though English', liema ktieb il-Kunsill Lokali kien xtara kopja tieghu.
Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jixtri kopja taz-zewg kotba msemmija sabiex jitpoggew fil-librerija tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri kopja tal-kotba msemmija.

4.8 Permezz ta' e-mail datat 27 ta' Novembru 2013, is-Sa Alison Grech talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi tinqala' *traffic calmer* li kien hemm quddiem proprjeta' taghha fi Triq l-Arznell minhabba l-istorbju li kienet tikkawza matul il-lejl.
Is-Sur Edric Micallef spjega ghaliex fil-passat kienet saret it-traffic calmer in-kwistjoni. Is-Sindku zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, il-kunsill Lokali kellu jitlob parir lil Transport Malta dwar jekk ghandiex titnehha t-traffic calmer hekk kif mitlub mis-Sa Grech. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill kellujimxi skond il-proposta tas-Sur Edric Micallef u jitlob parir lil Transport Malta.

4.9 Permezz ta' e-mail datat 27 ta' Novembru 2013, is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali talab lil Sterling Security u lill-Ufficjal Awtorizzat johorgu bi proposti dwar kif setghet tigi solvuta problema ta' rimi ta' skart b'mod illegali fi tmiem il-gimgha gewwa Marsaxlokk. Is-Sur Edric Micallef zied jghid illi l-problema kienet aktar akuta fiz-zona ta' Xatt is-Sajjieda permezz ta' abbuzi li jitwettqu minn bejjiegha tas-suq fil-berah u sidien ta' stabbilimenti illi johorgu l-iskart f'boroz is-Sibtijiet u l-Hdud.

4.10 Permezz ta' e-mail datat 22 ta' Novembru 2013, is-Sur Ramon Deguara f'isem il-Cleansing Directorate, informa lill-Kunsill Lokali illi d-dipartiment tieghu kien lest li jghin lill-Kunsill Lokali fiz-zamma ta' zewg latrini pubblici fil-lokalita' bil-kundizzjoni illi tigi stabbilita data ragjonevoli sa meta ghandu jibqa' fis-sehh l-arrangament.
Is-Sindku qal illi kien qieghed jikkorrispondi mas-Sur Deguara sabiex jigu stabbiliti l-parametri tal-arrangament. Dan sabiex fl-iqsar zmien possibbli, titjieb is-sitwazzjoni tal-latrini pubblici.

4.11 Permezz ta' e-mail datat 21 ta' Novembru 2013, is-Sur Joe Cardona ilmenta mal-Kunsill Lokali dwar decizjoni mehuda mill-Kunsilll Lokali illi ma jsirux *roadmarkings* f'parti specifika minn Triq l-Imriekeb.
Kien hemm diskussjoni libera dwar din it-tema, li matulha gie stabbilt fost l-ohrajn illi l-Kunsill Lokali kien ha d-decizjoni tieghu abbazi ta' struzzjonijiet li kien inghata minn Transport Malta. Finalment, intlehaq qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jzomm mad-decizjoni li kien ha f'seduta precedenti.

4.12 Permezz ta' ittra datata 7 ta' Dicembru 2013, is-Sur Mario Mifsud talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex itella' l-opra tal-bahar tieghu fuq l-art fiz-zona tal-maghluq ghal manutenzjoni bejn Dicembru 2013 u Frar 2013.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sur Mifsud. Fl-istess waqt, il-Kunsill Lokali iddecieda illi kemm il-darba ikun hemm talbiet simili minn individwi ohra ghall-istess zona li ma jeccedux Mejju 2014, il-Kunsill Lokali kellu b'mod awtomatiku ma joggezzjonax ghax-xogholijiet.

4.13 Permezz ta' ittra datata 2 ta' Dicembru 2013, is-Segretarju Ezekuttiv, f'isem il-Kunsill Lokali informa lill-kap tal-iskola primarja illi t-talba ghal ghajnuna f'xiri ta' kotba ghal jum il-premjazzjoni kienet giet milqugha. Ghal dan il-ghan, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jalloka s-somma ta' €200 ghal xiri ta' kotba ghall-okkazjoni msemmija.

4.14 Permezz ta' ittra datata 4 ta' Dicembru 2013, is-Segretarju Ezekuttiv f'isem il-Kunsill Lokali, informa lis-Sa. Lorna Vella f'isem l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar illi xoghol b'konnessjoni ma' *playing field* fi Triq il-Wilga li ghalih kien qieghed jigi ppjanat illi jinkisbu fondi permezz tal-*Urban Improvement Fund* kien gie ccertifikat minn persuna kompetenti li ddikjarat illi l-istess *playing field* kienet ser tkun compliant ma' MSA3500:2010.

4.15 Permezz ta' ittra datata 4 ta' Dicembru 2013, is-Segretarju Ezekuttiv f'isem il-Kunsill Lokali informa lill-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar illi progett ta' playing field fi Triq il-Wilga, li ghalih kien qieghed jigi ppjanat illi jinkisbu fondi mill-iskema Urban Improvement Fund kien ser jiswa €138 975 fit-totalita' tieghu. Permezz tal-istess ittra gie mishuq illi l-Kunsill Lokali kellu r-rizorsi finanzjarji mehtiega sabiex jaghmel tajjeb ghad-differenza li ma setghetx tigi koperta permezz tal-iskema msemmija.

4.16 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera illi hekk kif maqbul, permezz ta' ittra datata 25 ta' Novembru 2013, il-Kunsill Lokali kien applika sabiex ikunu jista jiehu sehem fil-progett tal-Kunsill Lokali taz-zghazagh 2013/2014 mniehdi mill-Agenzija Zghazagh.

4.17 Permezz a' ittra datata 20 ta' Novembru 2013, is-Sindku, f'isem il-Kunsill Lokali, gibed l-attenzjoni tas-sidien ta' stabbilimenti fi Triq Xatt is-Sajjieda rigward skart li kien qieghed jintrema b'mod illegali fl-istess triq. Fl-istess waqt is-Sindku informa lill-istess sidien ta' stabbilimenti b'mizuri li kien ser ikun qieghed jiehu l-kunsill Lokali sabiex ikun zgurat illi l-abbuz jieqaf.

4.18 Permezz ta' e-mail datat 2 ta' Dicembru 2013, is-Sa Isabella Camilleri Aquilina, f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex jinkisbu fondi ghal-attivita' fi zmien il-Milied 2013 kienet giet milqugha u l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jibbenefika minn €3 000 li kellhom jintuzaw sabiex tittella' l-istess attivita'.

4.19 Permezz ta' e-mail datat 10 ta' Dicembru 2013, l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali talbet lill-Kunsilli Lokali sabiex igeddu l-polza tal-Assikurazzjoni tal-flus. L-ammont dovut ghall-assikurazzjoni msemmija ghall-2014 kien ta' €63.
Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jeffettwa l-hlas mitlub.

## 5 Aggudikar ta' sejha ghall-offerti Numru MXLC06/2013

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienet inharget sejha ghall-offerti Numru MXLC06/2013. Wara li kien ghalaq iz-zmien u gew miftuha l-offerti irrizulta li kienu sitta l-kuntratturi li tefghu l-offerti taghhom ghax-xoghol imsemmi.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hekk kif infethu l-offerti kien gie nnutat illi kien hemm xi whud illi kellhom anomaliji fil-bills of quantities. Ghal dan il-ghan, kien intalab il-parir tad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jigu ccarati d-diffikultajiet li kien hemm. Is-Sur Hall zied jghid illi sfortunatament, il-kjarifiki mitluba kienu ghadhom ma waslux u ghaldaqstant il-bord ta' evalwazzjoni kien ghadu ma ltaqax sabiex jevalwa l-offerti sottomessi u jaghmel ir-rakkomandazzjoni tieghu.
Wara disksusjoni qasir dwar din il-materja kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti l-aggudikar ta' sejha ghall-offerti numru MXLC06/2013 fis-seduta segwenti.

## 6 Estensjoni ta' kuntratt MXLC02/2012-Cleaning and Maintenance of Parks & Gardens

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil membri tal-Kunsill, li kuntratt MXLC02/2012 – *Cleaning and Maintencance of Parks & Gardens*, wasal biex jigi estiz ghal sena ohra. Is-Sindku ippropona illi l-Kunsill Lokal igedded il-Kuntratt imsemmi ghal sena hekk kif legalment permessibbli. Is-Sur Stephen Caruana issekonda il-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

## 7 Milied 2013

7.1 Is-Sur Angelo Micallef, qall li l-programm tal-attivita' Is-Suq tal-Milied f'Marsaxlokk miexi skond kif ppjanat. Huwa wkoll irringrazzja lis-Sotto-Kumitat tax-xoghol siewi tieghu.

7.2 Il-Kunsill iddecieda li l-ikla li jorganizza kull sena fl-okkazzjoni tal-Milied bejn il-Kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsill, se ssir nhar il-Gimgha 10 ta' Jannar 2014 .

## 8 Approvazzjoni tal-Ħlasijiet

8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda skeda ta' pagamenti (Skeda 13/2013) ghall-approvazzjoni.

Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali approva unanimament il-pagamenti inkluzi fi skeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-Minuti.

## 9 Affarijiet Ohra

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv, qal li gie avvicinat mill-kumpanija JGC biex jinhareg parti mill-pagament fuq ix-xoghol li qed jaghmlu fuq il-bandli tal-maghluq. Is-Sur Hall zied jghid illi l-istess kumpanija kienet baghtet fattura interim li kienet giet iccertifikata minn perit f'isem il-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill Lokali qabel li ghandu jinhareg pagament ta' €25,000. Il-talba ghaddiet b'mod unanimu.

9.2 Il-Kunsillier Grech, pogga fuq il-mejda tal-laqgha ittra minghand il-Harbour Lights Restaurant. Dan minhabba li wara li saret l-ewwel parti tat-triq iz-zona ta' quddiem ir-restaurant tieghu wara li taghmel ix-xita, qed tingabar ghadira mdaqqsa ta' ilma. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu, li ssir kanal halli l-ilma jibqa niezel ghall-bahar.

9.3 Il-Kunsill Lokali qabel li ghanda tintbghat ittra lis-Sid tar-Rising Sun Bar, biex jitnehha is-sinjal l-abjad li allegatament sar mill-istess sid tal-istabbiliment imsemmi b'mod illegali fuq bankina f'Xatt is-Sajjieda.

Il-laqgha spiccat fis-7.15pm. u giet aggornata ghall-15 ta' Jannar 2014

____________________
**Perit Edric Micallef**
**Sindku**

____________________
**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: ____________________